

# Knejjes u Kappelli eżistenti f'Malta u Għawdex fl-1780 iddedikati lil San Pawl

Kitba ta' Jimmy Musca



Nistgħu ngħidu li l-qima lejn missierna San Pawl sa mill-qedem kienet fil-moħħ u fil-qalb ta' missirijietna, tant li ħabbewha u raw kif għamlu biex ikattruha dejjem iżjed. Illum il-ġurnata, din il-qima kompliet tinxtered u l-kult Pawlin tista' tgħid li jinħass f'kull Parroċċa ta' Malta u ħafna huma dawk li jħarsu lejh bħala dak l-ewwel Appostlu li għamilna Nsara u li ġabilna dik il-fidi li għadna ngħożżu sal-lum.

Iżda din id-devozzjoni lejn dan il-Kbir Appostlu ma bdietx ilbieraħ. Hawnhekk se nagħtu ħarsa lejn dokument li jurina kif kienet il-qagħda tad-devozzjoni lejn San Pawl madwar mitejn u tletin sena ilu, l-iktar għal dak li għandu x'jaqsam ma' knejjes u kappelli ddedikati lil dan il-Qaddis. Fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo,* maħruġ fl-1866, Achille Ferres jagħtina ħafna dettalji dwar kif kienu jidhru dawn il-knejjes madwar is-sena 1780.

Kull waħda minnhom hija sinjal tal-għożża kbira li kellna, u għad għandna, aħna l-Maltin, lejn Pawlu u, kemm jekk huma ddedikati għall-konverżjoni tiegħu, kif ukoll għan-nawfraġju tiegħu, dawn il-fjammi ta' dwal jixegħlu qawwija żgur li huma ta' twissija għalina biex ngħixu ħajja tajba, kif għallimhielna hu stess, kemm bil-kelma kif ukoll u iżjed u iżjed bl-eżempju kbir u kuraġġuż tiegħu.

Ninsabu fis-sena 1780, fl-aħħar żminijiet tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta, ftit snin qabel ġie Napuljun Bonaparte biex jieħu lil Malta taħt idejh. Fil-qalba ta' Città Notabile jew l-Imdina nsibu l-Knisja Katidrali u Arċiveskovili taħt it-titlu tal-Konverżjoni ta' San Pawl Appostlu. Tradizzjoni antika tgħidilna li f'dan il-post kien jeżisti l-palazz ta' Publiju, il-Prinċep tal-Gżira ta' Malta u, aktar tard, l-ewwel Isqof tagħha. L-istess palazz ta' Publiju ġie kkonsagrat bħala dar ta' Alla ad unur ta' Marija Assunta. Fi żmien l-Għarab din il-knisja ġiet abbandunata, iżda wara l-wasla tal-Konti Ruġġieru reġgħet ġiet stabbilita u kien hemmhekk li ġiet iddedikata lil San Pawl Appostlu.[1]

Fit-terremot tal-11 ta' Jannar 1693, din il-knisja ġarrbet ħsarat kbar, iżda erba' snin wara, fil-21 ta' Mejju 1697, tqiegħdet l-ewwel ġebla minn Mons Isqof Cocco Palmeri. Waqt ix-xogħol ta' tħaffir instab buqar tar-ram li kien mimli bil-flus tad-deheb u, għalkemm il-knisja messa biss nofshom, dawn għenu mhux ftit biex ix-xogħol tkompla u tlesta ħames snin wara. Ġiet ikkonsagrata fit-8 ta' Ottubru 1702.[2] Il-perit tagħha kien il-Malti Lorenzo Gafà li għamel ix-xogħol kollu b'xejn.[3]

Il-pittura tas-saqaf, tal-pittur Sqalli Vincenzo Manno, magħmula fl-1794, turi passi mill-ħajja ta' San Pawl. Insibu wkoll pitturi kbar tal-famuż Mattia Preti, in-Nawfraġju, il-Konverżjoni u l-Martirju ta' San Pawl.[4] Fil-Kappella tal-Kurċifiss insibu wkoll pittura ta' San Pawl, miksija kollha bil-fidda, waqt li statwa żgħira tal-bronż ta' San Pawl, xogħol Melchiorre Gafà, tidher tagħmel parti mill-bieb prinċipali tal-Knisja.[5]

Fost l-affarijiet prezzjużi, insibu wkoll kalċi bil-patena miegħu, magħmul mil-landa, li skont tradizzjoni antika kien intuża minn San Pawl meta kien Malta u minn San Publiju warajh. Dawn insibuhom imniżżlin fil-Visti Pastorali tal-isqfijiet li ġew wara.[6]

Mill-Imdina naqsmu għar-Rabat, dak iż-żmien magħruf bħala *Rabato Della Notabile*, x'aktarx minħabba l-viċinanza tiegħu ma' dik il-belt ewlenija ta' Malta. Hawnhekk insibu l-Knisja Parrokkjali taħt it-titlu tan-nawfraġju ta' San Pawl Appostlu, waħda mill-eqdem knejjes ta' Malta. Il-bini tagħha jidher li tkabbar fl-1575 u mbagħad fl-1683 fuq disinn ta' Lorenzo Gafà. Il-kwadru titulari hu ta' Stefano Erardi, magħmul fl-1678[7] u fl-artal tal-kor insibu pittura antika fuq l-injam li turi l-figura ta' San Pawl Appostlu u li ġġib l-isem tal-Arċipriet De Agatiis u s-sena 1588. F'din il-Knisja, fost il-ħames konfraternitajiet, insibu wkoll dik ta' San Pawl[8] u fil-viċinanzi tal-istess knisja nsibu wkoll statwa magħmula mill-ġebla Maltija ta' San Pawl jippriedka.[9]

Fir-Rabat ukoll insibu l-famuża Grotta ta' San Pawl, taħt il-Knisja ta' San Publiju, il-post li tradizzjonalment huwa miżmum bħala li kien l-abitazzjoni tal-Appostlu Pawlu waqt it-tliet xhur li dam hawn Malta. Matul is-snin, dan il-lok ra eluf kbar ta' pellegrini u kien miżmum bħala Santwarju fuq il-livell ta' Santiago di Compostella, Ruma u Ġerusalemm. L-artal, l-istatwa tal-irħam ta' San Pawl u l-basso riliev tal-bronż huma xogħol l-iskultur Melchiorre Gafà.[10]

Mir-Rabat, Ferres jeħodna lejn il-Belt Valletta, eżattament lejn il-Parroċċa Matriċi u Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu. Hu jgħidilna li fl-antik, fuq l-Għolja Sceberras, kienet diġà teżisti kappella ddedikata lil San Pawl, iżda waqt l-Assedju tal-1565 din ġiet meqruda għal kollox. Kien imbagħad fl-1577 li, bi spejjeż tal-Knisja

tal-Katidral, fuq disinn ta' Ġlormu Cassar, ġiet mibnija l-Knisja ad unur San Pawl Nawfragu[11] li aktar tard ġiet imkabbra bejn l-1639 u l-1679.[12] Ferres isemmi wkoll li l-istatwa tal-injam ta' San Pawl hija xogħol Melchiorre Gafà u ġiet maħduma Ruma,[13] li l-kwadru prinċipali li jirrappreżenta n-Nawfraġju hu xogħol Filippo Paladini, u ż-żewġ kwadri fil-ġenb tal-kor, fejn San Pawl jidher ifejjaq lil missier Publiju u lil ħafna morda oħra, huma xogħol il-Palermitan Velasquez.[14]

Knisja oħra, din id-darba ġewwa Bormla u wkoll iddedikata lil San Pawl, kienet dik mibnija fl-1741 fuq l-istess sit ta' waħda qadima ta' San Pawl ukoll. Ġiet imbierka minn Alpheran De Bussan u fiha tliet artali, b'dak prinċipali jirrappreżenta l-Konverżjoni tal-Appostlu Pawlu.[15] F'Birkirkara kienet teżisti knisja oħra qadima ħafna ddedikata lil San Pawl. Ferres isemmi li din kienet ġiet mibnija fl-1538 iżda mbagħad ġiet mibnija oħra fuqha li tbierket fl-1854. Tal-aħħar fiha artal wieħed u kampnar wieħed waqt li t-titular jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' San Pawl, xogħol il-pittur Calleja.[16]

Ferres isemmi tliet knejjes fin-Naxxar marbuta mal-Qaddis Pawlu. L-ewwel waħda hi dik iddedikata lil San Pawl Eremita, ġo għar ġewwa *Uied il ghasel.* Isemmi wkoll li f'dan l-għar kien jgħix eremita li kien iwissi n-nies tal-inħawi biex jindmu mill-ħajja ħażina li kienu jgħixu, inkella jiġu kkastigati minn Alla. Fl-aħħar kellu jitlaq minn hemm u qasam fuq il-mantell tiegħu lejn il-Qala, f'Għawdex. Meta raw hekk in-nies talbuh jaħfrilhom u jibqa' magħhom, iżda hu baqa' sejjer. Bħala ndiema ta' dnubiethom, dawk l-istess nies bnew kappella quddiem dak l-għar u ddedikawha lil San Pawl, l-ewwel eremita.[17] Din il-knisja kienet antikament magħduda bħala knisja filjali tal-Parroċċa tal-*Melleha*.[18]

It-tieni waħda hi dik ta' San Pawl *Tat-Targia.* Huwa tradizzjonalment miżmum li dan il-post kien l-inħawi eżatt minn fejn San Pawl, waqt li kien jippriedka, ġie mismugħ saħansitra mill-Gżira ta' Għawdex u għalhekk l-Għawdxin ġew Malta biex jikkonvertu u jitgħammdu. Wara dan, il-kleru u n-nies tan-Naxxar għamlu wegħda li jagħmlu purċissjoni fit-tieni ġimgħa ta' Mejju. Din il-knisja ġiet irranġata diversi drabi.[19] Knisja santwarju oħra ddedikata lil San Pawl hi dik ta' San Pawl *Milki,* jiġifieri *milqugħ*. It-tradizzjoni tgħidilna li f'dan il-post San Pawl fejjaq lil missier Publiju, il-Prinċep ta' Malta, fejn kellu dar tal-kampanja u fejn hu kien laqa' lill-Appostlu u lill-ħbieb tiegħu tan-nawfraġju.[20]

Knisja oħra msemmija minn Ferres hija dik li tinsab fil-port ta' San Pawl il-Baħar, fuq is-sit fejn tradizzjonalment seħħ in-nawfraġju fis-sena 60 wara Kristu. Ikompli jgħid li din il-knisja ġiet meqruda mill-Għarab u reġgħet ġiet mibnija mill-Konti Ruġġieru. Aktar tard reġgħet inbniet mill-familji Desguanez u Bordino u baqgħet wieqfa sal-1610. Imbagħad, fl-1615 ġiet mibnija oħra, ftit 'il bogħod, mill-Gran Mastru Wignacourt. Din il-knisja kienet taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-Gran Prijur tal-Ordni ta' San Ġwann u mhux taħt l-Isqof ta' Malta. Ferres jagħti aktar dettalji dwar din il-knisja.[21]

Minn San Pawl il-Baħar, Ferres jeħodna fil-limiti taż-Żejtun fejn insibu l-Knisja ta' San Pawl Nawfragu, imsejħa *ta Xrobb il Ghagin,* mibnija fis-seklu 18, u li kienet taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-isqof.[22] F'Casal Attard isemmi oħra ddedikata lin-Nawfraġju ta' San Pawl. Din kienet oriġinarjament iddedikata lill-Assunta u, wara li fl-1729 kienet ġiet profanata minn Alpheran, fis-sena ta' wara reġgħet dehret bit-titlu ġdid tan-Nawfraġju.[23]

Ferres imbagħad isemmi l-Knisja prinċipali ta' Ħal Safi, li fl-antik kienet magħquda ma' dik matriċi ta' Birmiftuħ minn fejn ġiet maqtugħa fl-1592 u magħquda mal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Kirkop. Iżda wara talba tal-poplu, fl-1598 reġgħet ġiet maqtugħa minn Ħal Kirkop u mwaqqfa bħala parroċċa ġdida. Il-knisja attwali ġiet mibnija fl-istess lok tal-qadima bejn l-1726 u l-1740 bi flus il-poplu stess, mgħejjun mill-maħbub Kappillan Giuseppe Caruana. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata fl-1784 u l-kwadru prinċipali jirrappreżenta l-Konverżjoni ta' San Pawl, xogħol il-pittur Stefano Erardi. Ferres isemmi wkoll li dak iż-żmien kien hemm żewġ fratellanzi, dik tas-Sagrament u l-oħra tar-Ružarju.[24]

Fil-limiti tal-Mosta nsibu wkoll il-knisja żgħira ta' San Pawl *tal Kleigha*, li Ferres jgħid li kienet tagħmel mal-inħawi tal-Katidral.[25]

Ferres jeħodna wkoll Għawdex, f'Casal Caccia, jew ix-Xagħra, u jsemmi knisja, b'ċimiterju quddiemha, f'Marsalforn, iddedikata lil San Pawl. Hu jgħid li, skont il-Kanonku Agius, matul it-tliet xhur tiegħu f'Malta, l-Appostlu Pawlu żar Għawdex u daħal f'Marsalforn u l-poplu ta' hemm bena din il-knisja ad unur in-Nawfraġju tiegħu, għalkemm il-festa titulari tiġi ċċelebrata fil-25 ta' Jannar, jum il-Konverżjoni.[26]

Minn Marsalforn nitilgħu lejn in-Nadur fejn Ferres isemmi l-kwadru titulari li juri l-martirju ta' San Pietru u San Pawl kif ukoll il-fratellanza tal-istess żewġ martri, imwaqqfa fl-1763.[27]

Stampa verament imżewqa u mifruxa ma' Malta u Għawdex tal-preżenza qawwija tal-Kbir Appostlu Pawlu, bniedem li, minn għadu ta' Kristu, kellu jinbidel daqshekk u jsir tarka hekk qawwija biex jiddefendih. Pawlu rebaħ qlub il-Maltin bil-kuraġġ li wera meta deher quddiemhom, l-ewwel mistħajjel bħala raġel ħażin u wara ftit bħala alla.

Illum għad baqa' ħafna minn dawn il-knejjes u kappelli msemmija minn Ferres li jikkommemoraw il-Konverżjoni, in-Nawfraġju u l-Martirju ta' dan il-qaddis. Il-Maltin għadhom bi ħġarhom jieħdu sehem fil-festi li niċċelebraw ad unur Pawlu li, fil-ħin tal-prova ma beżax jistqarr il-fidi tiegħu u wasal biex ħalla ħajtu bħala martri. U aħna fejn ninsabu? Aħna niċċelebraw bil-kbir il-festi ad unur dan l-Appostlu Kbir imma mbagħad, meta niġu għall-ħin tal-prova, qegħdin nimxu fuq il-passi tiegħu u niddefendu lil Kristu u t-tagħlim tiegħu bħalma għamel hu? Tgħid għandna bżonn ta' nawfraġju ieħor ta' dan Missierna Pawlu?

19.v.2014

**Referenzi**


[1] Achille Ferres. *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo Malta 1866*. p.79
[2] Ibid. p.80
[3] Ibid. p.81
[4] Ibid. p.82
[5] Ibid. p.83
[6] Ibid. p.84
[7] Ibid. p.102
[8] Ibid. p.103
[9] Ibid. p.104
[10] Ibid. p.107
[11] Ibid. p.156
[12] Ibid. p.157
[13] Ibid. p.161
[14] Ibid. p.164
[15] Ibid. pp.302-303
[16] Ibid. p.324
[17] Ibid. pp.342-343
[18] Ibid. p.687
[19] Ibid. pp.343-344
[20] Ibid. p.344
[21] Ibid. pp.344-345
[22] Ibid. p.382
[23] Ibid. p.430
[24] Ibid. pp.459-460
[25] Ibid. p.474
[26] Ibid. pp.596-597
[27] Ibid. pp.598-599


KAŻIN SAN PAWL SAFI A.D. 1929

*It-tagħlim tal-mużika mhux talli mhuwiex ħela ta' żmien, iżda talli jgħin bil-bosta biex isaħħaħ l-edukazzjoni tal-individwu*

**Fil-jiem tal-festa nħeġġu lil kulħadd biex jersaq aktar lejn is-Sagramenti.**


# SCICLUNA FLORIST

garden centre

*Accepts orders for fresh and artificial flowers, printing of invitations for Weddings, Engagements and Parties.*

*A good variety of souvenirs and tulle at moderate prices.*



'Cor Jesus', Triq il-Bronja, Żurrieq

Tel: 2164 9621 Mob: 7964 9621